A.L. 40 ta' l-1988

ATT TA' L-1981 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN

(ATT NRU. XXIV TA' L-1981)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 66 ta' l-1981.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fis-6 ta' Mejju, 1988.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (4) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Id-detentur ta' kull biljett li jieħu sehem jew fil-Lotterija l-Kbira jew fil-Lotterija tal-Ġimgħa għandu, fil-każ li n-numru ta' dak il-biljett jitla' aktar minn darba waħda, ikun intitolat għal premju wieħed biss.".

Iżid regolamenti ġodda 3A u 3B mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"3A. Għal kull Lotterija tal-Ġimgħa, id-Dipartiment tal-Lottu joħroġ għall-bejgħ 99,999 biljett. Dawn il-biljetti kollha jieħdu sehem fit-tlugħ, irrispettivament jekk dawk il-biljetti jkunux inbiegħu kollha jew le.

3B. Il-flus tal-premju għar-rigward ta' kull biljett rebbieħ fil-Lotterija tal-Ġimgħa li jkun baqa' ma nbiegħx għandhom jiżdiedu mal-fondi ta' premjijiet tal-ġimgħatejn ta' wara f'ammonti ndaqs, b'mod li tiżdied is-somma ta' l-ewwel premju f'kull waħda mill-ġimgħatejn ta' wara.".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok il-paragrafu B ta' l-Iskeda ta' Premjijiet li hemm fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"B. *Lotterija tal-Ġimgħa*

L-Ewwel Premju: Lm3,000 (Tlett elef lira Maltija)
It-Tieni Premju: Lm1,000 (Elf lira Maltija)
It-Tielet Premju: Lm500 (Ħames mitt lira Maltija)
Ħames Premjijiet ta' Lm100 (Mitt lira Maltija) kull wieħed.".